MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Numru 8/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Paul Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 8 tas-sena 2006 kontra l-akkuzat Paul Muscat, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'Dicembru tas- sena elfejn u tlieta (2003) u fix-xhur ta' qabel l-akkuzat Paul Muscat iddecieda illi jibda jmexxi w jittraffika fil-pjanta *Cannabis*. Muscat ftiehem ma' persuni ohra li jibda jikkoltiva l-pjanta *Cannabis* fl-ghelieqi tieghu fl-inhawi ta' madwar Wied Bingemma fin-Nadur, Ghawdex, sabiex, wara li jnixxfhom, jghaddi biex ibiegh din id-droga w jaghmel qliegh minnha. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, il-persuni l-ohra kienu jmorru ghand l-akkuzat biex tigi fornuta lilhom din id-droga. Ghas-servizzi tieghu li jikkoltiva w jforni d-droga msemmija, Muscat kien

jithallas ammont konsiderevoli ta’ flus. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-pulizija fis-16 ta’ Dicembru, 2003 u fil-fatt, bejn dakinhar u l-ghada, nstab fil-pussess tieghu ‘l fuq minn dsatax-il kilo weraq imnixxef ta’ l-istess pjanta tal-*Cannabis* li kien jikkultiva, liema droga ghandha *street value* ta’ izjed minn ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000).

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Paul Muscat sar hati talli assocja ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f’Malta (il-pjanta *Cannabis*) kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Paul Muscat talli assocja ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’Malta (il-pjanta *Cannabis*) kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghal-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi f’xi zmien fil-granet u x-xhur ta’ qabel is-17 ta’

Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) l- akkuzat Paul Muscat iddecieda li jibda jikkoltiva l-pjanta *Cannabis*. Huwa akkwista xi zerriegha ta' din il-pjanta w zeraghhom fl-ghelieqi tieghu fl-inhawi ta' madwar Wied Bingemma fin-Nadur, Ghawdex. Muscat kien jikkura w isaqqi regolarment dawn il-pjanti li twalu sa xi ghaxar piedi. Fortunatament din il-mixtla giet skoperta fis-16 ta' Dicembru, 2003 u fil-fatt nstab fil-pussess tieghu 'l fuq minn dsatax-il kilo weraq imnixxef ta' l-istess pjanta tal-*Cannabis* li kien jikkultiva, liema droga ghandha *street value* ta' izjed minn ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000).

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Paul Muscat sar hati talli kkoltiva l-pjanta *Cannabis*.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Paul Muscat talli kkoltiva l-pjanta *Cannabis*;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(c), 9, 10(1), 12 u 22(1)(a)(2)(a)(i)(3)(3A)(a)(b)(c)(d) ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi f'xi zmien fil- granet u x-xhur ta' qabel is-17 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) l-akkuzat Paul Muscat iddecieda li jaghtiha ghat-traffikar tad- droga *Cannabis* billi jbiegh, jipprokura w iforni l-istess droga lil diversi persuna f'Malta u f'Ghawdex. Muscat beda jikkoltiva l-pjanta *Cannabis* sabiex ibiegh din id-droga w jaghmel qliegh minnha. Wara li kien inixxef dawn il-

pjanti, huwa kien jizinhom, jaghmilhom fil-boroz tal-plastic u jzommhom jew fl-ghelieqi tieghu fl-inhawi ta' madwar Wied Bingemma fin-Nadur, Ghawdex, jew inkella fir-residenza tieghu w dan sabiex iforniha lil dawn il-persuni skond il-bzonn, kif fil-fatt ghamel. Ta' dan Muscat kien jithallas ammont konsiderevoli ta' flus. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-pulizija fis-16 ta' Dicembru, 2003 u fil-fatt, bejn dakinhar u l-ghada, nstab fil-pussess tieghu 'l fuq minn dsatax-il kilo weraq imnixxef ta' l-istess pjanta tal-*Cannabis* li kien jikkultiva, liema droga ghandha *street value* ta' izjed minn ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000).

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Paul Muscat sar hati talli biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta *Cannabis* minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita' apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi jakkuza lill-imsemmi Paul Muscat talli biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta *Cannabis* minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew

xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(e), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi ndikati fl-ewwel tlett kapi ta' l-att ta' l-akkuza, u cioè f'xi zmien fil-granet u x-xhur qabel is-17 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), l-akkuzat Paul Muscat kellu fil-pussess tieghu 'l fuq minn dsatax-il kilo weraq imnixxef ta' l-istess pjanta tal-*Cannabis* li kien jikkultiva. L-akkuzat kien jaghmel uzu minn ammonti zghar minn din id- droga, izda l-maggor parti taghha kienet tigi mibjugha, prokurata w fornuta lil terzi persuni.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Paul Muscat sar hati talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-

Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Paul Muscat talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih bi unanimament sabu lill-akkuzat mhux hati skond l-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, w
b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat hati skond it-tieni kap u bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra, sabu lill-akkuzat hati skond it-tielet u ir-raba' kapi tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Paul Muscat, mhux hati ta' l-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza w minn din l-akkuza tilliberah u hati talli :

f'xi zmien fil-granet u x-xhur ta' qabel is-17 ta' Dicembru, 2003, kkoltiva l-pjanta *Cannabis*; u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal- Akkuza;
f'xi zmien fil-granet u x-xhur ta' qabel is-17 ta' Dicembru, 2003, biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta *Cannabis* minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;
f'xi zmien fil-granet u x-xhur qabel is-17 ta' Dicembru, 2003 kellu fil- pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità

moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu, w dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Rat il-verbal tal-lum li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li ghall-fini tal-piena r-reati taht it-tieni w ir-raba' kapi tal-Att tal-Akkuza huma assorbiti fir-reat taht it-tielet kap u dana peress li servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat taht it-tielet kap kif jiddisponi l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Qieset is-sottomissjonijiet tad-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti:-

1. Li l-hati gie liberat mill-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
2. Li kellu fedina penali kwazi netta hlief ghal xi ksur tal-Ligijiet tat-traffiku w xi kontravvenzjoni ohra li sehhew zmien ilu;
3. Li ebda wiehed mill-verdetti ma kien unanimu;
4. Li ma kienx hemm prova li fil-fatt il-hati kien lahaq ghadda xi droga lil terzi w ghalhekk l-attivita' tieghu kienet baqghet fl-isfera tat-tentattiv;
5. Li l-assi tal-hati kif irrizultaw mill-perizja ma kienux ingenti.
6. L-istat tas-sahha w il-kondizzjoni kardijaka tal-hati.

Ghalhekk l-abbli difensur talab lill-Qorti tiehu dan kollu in konsiderazzjoni meta tikkalibra l-piena.

L-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco invece ssottomettiet li :

Il-mod u l-manjiera kif il-hati ipprova jiskolpa ruhu f'dan il-guri kien mod mahmug u pprova jhammeg diversi membri tal-Korp tal-Pulizija b'allegazzjonijiet ta' abbuz , ingurji w swat, bir-rizultat li dan deher rappurtat fil-"media" w

ikkawza hsara ghall-isem tal-Korp tal-Pulizija w tal-Ufficjali koncernati. Dan kellu jigi rifless fil-piena.

Ikkonsidrat

Qieset li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, w meta l-verdett ma jkunx unanimu, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

Qieset ukoll il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi recentement biex ikun jista' jinzamm certu proporzjon u relativita' fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita' f'sentenzi li jirrigwardaw din il-materja.

Illi jidher li f'dan il-kaz il-hati kien involut f'operazzjoni ta' koltivar u traffikar ta' droga cannabis fi kwantita' sostanzjali li kienet tista' ggib hsara fost il-vittmi ta' din id-droga fil-pajjiz. Ghalhekk il-piena trid tkun wahda li tirrifletti serjament il-gravita' tar-reati anki in relazzjoni ma' sentenzi ohra li erogat din il-Qorti f'kazijiet analogi biex kemm jista' jkun, ikun hemm uniformita' fl-erogazzjoni tal-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8, 9, 10, 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w ir-Regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, (G.N 292 ta' l-1939) kif ukoll fl-artikoli 17(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Paul Muscat ghall-piena ta' tmintax (18) il-sena prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll multa ta' hamsa w erbghin elf Ewro

(€ 45,000) li jekk ma jithallsux minnufih jigu konvertiti awtomatikament fi tmintax il-xahar ohra prigunerija kif ukoll tikkundannah li jhallas is-somma ta’ tlitt elef, erba’ mija w tmienja w tletin Ewro u tlieta w tmenin centezmi (€3438.83) import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati .

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm, fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b’Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi w b’dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b’verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------